# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 20**

**Rikors numru 1045/07 SM**

**Mizzi Home Furnishings Limited (C-22783),**
**Millennia Limited (C-22874), Mizzi Group Limited (C-21948),**
**General Sports Enterprises Limited (C-248450) u**
**Kunsill Lokali Tarxien**

**v.**

**Italgreen SPA (Socjetà estera registrata l-Italja)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur tas-socjetajiet rikorrenti tad-9 ta' Ottubru, 2007, li permezz tieghu nghad:

> 1. "Illi s-socjetajiet rikorrenti Mizzi Home FurnishingsLtd (C 22783), Millenia Ltd (C22784), Mizzi Group Limited (C 21948) jew min minnhom jinnegozjaw fix-xiri u bejgh ta' prodotti ta' *turf* sintetiku;

2. “Illi s-socjeta` intimata Italgreen SPA tissuplixxi prodotti ta’ *turf* sintetiku gewwa Malta u kienet u ghadha u ghadha tirriklama l-prodotti taghha u senjatament il-prodotti tat-turf sintetiku “*52 FLA, 65 Stadium Pro*” u “*Monoturf*”, garantiti ghal ghaxar (10) snin, anke jekk jintuzaw illimitatament u dan kif jidher ukoll mill-kopja tal-fuljett hawn anness bhala **Dok DM1**;

3. “Illi s-socjetajiet rikorrenti Mizzi Home FurnishingsLtd (C 22783), Millenia Ltd (C22784), Mizzi Group Limited (C 21948) xtraw minghand is-socjeta` intimata Italgreen SPA il-prodott sintetiku Green 2000 HMM 65 Stadium Pro, Green 2000 H.MM 55 Monoturf u Green 2000 h. Mm 52 FLA gia FTO S 1 Field Turf 52mm sabiex ikunu jistghu jbieghu l-istess lil terzi bil-kundizzjonijiet u garanziji suppliti mis-socjeta` ntimata Italgreen SPA;

4. “Illi fil-fatt permezz tal-ftehim datat l-1 ta’ Mejju 2002 is-socjeta` Mizzi Group Ltd bieghet il-prodott Green 2000 h. Mm 52 FLA gia FTO S 1 Field Turf 52mm lil Zghazagh Azzjoni Kattolika, Mosta liema prodott gie garantit permezz ta’ garanzija li nghatat direttament minghand is-socjeta intimata Italgreen SPA lil Zghazagh Azzjoni Kattolika, Mosta, kopja ta’ liema qieghda tigi hawn annessa u ezebita bhala **Dok DM2;**

5. “Illi permezz ta’ ftehim datat il-31 t’Ottubru 2002, is-socjeta` attrici Mizzi Group Ltd bieghet il-prodott Green 2000 h. Mm 65 Stadium PRO lis-socjeta` rikorrenti General Sports Enterprises Limited (C 248450) liema prodott gie garantit permezz ta’ garanzija li nghatat direttament minghand is-socjeta` intimata Italgreen SPA lir-rikorrenti General Sports Enterprises Limited, kopja ta’ liema qieghda tigi hawn annessa u ezebita bhala **Dok DM3;**

6. “Illi permezz ta’ ftehim datat it-22 ta’ Dicembru 2003, is-socjeta` attrici Mizzi Group Ltd bieghet il-prodott Green 2000 h. Mm 65 Stadium PRO lill-Kunsill Lokali ta’ Hal Tarxien, liema prodott gie garantit permezz ta’ garanzija li nghatat direttament minghand is-socjeta` intimata Italgreen SPA lir-rikorrenti Kunsill Lokali Tarxien, kopja ta’ liema qieghda tigi hawn annessa u ezebita bhala **Dok DM4;**

7. “Illi minkejja l-mod ta’ kif gew reklamati dawn il-prodotti ta’ *turf* sintetiku, il-prodotti mibjugha lir-rikorrenti Mizzi Home Furnishings Ltd (C 22783), Millenia Ltd (C 22784), Mizzi Group Limited (C 21948) jew min minnhom u li nbieghu mill-istess lil Zghazagh Azzjoni Kattolika, Mosta u lir-rikorrenti l-ohra General Sports Enterprises Limited (C 248450) u Kunsill Lokali Tarxien, liema prodotti gew garantiti direttament mis-socjeta` intimata Italgreen SPA, wara li ntuzaw biss ghal ftit zmien tqattghu, tmermru u spiccaw f’kundizzjoni illi ma kinux tajbin ghall-uzu illi ghalih gew mixtrija;

8. “Illi r-rikorrenti ilhom zmien twil jiktbu lis-socjeta` intimata sabiex ai termini tal-garanziji hawn fuq imsemmija, s-socjeta` intimata tbiddel

it-*turf* sintetiiku imwahhal fil-*football grounds* tar-rikorrenti General Sports Enterprises Limited (C 248450) u Kunsill Lokali Tarxien u kif ukoll dak imwehhel fil-*football ground* taz-Zaghzagh Azzjoni Kattolika, Mosta;

9. “Illi minkejja dawn id-diversi talbiet li saru ai termini tal-garanzija moghjtija lil General Sports Enterprises Limited (C 248450), Kunsill Lokali Tarxien u Zaghzagh Azzjoni Kattolika, Mosta direttament mis-socjeta` intimata, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

10. “Illi dan qed jikkawza danni ngenti lis-socjetajiet rikorrenti Mizzi Home Furnishings Ltd (C 22783), Millenia Ltd (C 22784), Mizzi Group Limited (C 21948) jew min minnhom, liema danni jikkonsistu fi spejjez sofferti mill-istess socjetajiet sabiex isewwu l-istess *turf* sintetiku minn buthom, f’telf ta’ qliegh, profitti u klijenti, kif ukoll danni fir-reputazzjoni kummercjali taghhom;

11. “Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

“Ghaldaqstant, tghid is-socjeta` intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-*turf* sintetiku ma kienx idoneu ghall-uzu kif reklamat u garantit mis-socjeta` intimata;

“2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti tibdel it-tapit tat-*turf* minnha supplit u mibjugh lil General Sports Enterprises Limited u Kunsill Lokali Tarxien ma tapit tat-*turf* tal-kwalitajiet reklamati, li ghandu jigi supplit u installat u/jew mwehhel a spejjez esklussivi taghha;

“3. Fin-nuqqas ta’ adempiment min-naha tas-socjeta` intimata tawtorizza lir-rikorrenti jew min minnhom sabiex ibiddlu t-twapet tat-*turf* supplit mis-socjeta` intimata u mibjugh lir-rikorrenti General Sports Enterprises Limited(C 248450) u lil Kunsill Lokali Tarxien ma’ tapit tat-*turf* tal-kwalitajiet reklamati mis-socjeta` Italgreen SPA, jekk ikun hemm bzonn taht is-sorveljanza ta’ perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti, kollox, inkluz prezz tat-tapit tat-*turf* u installazzjoni u/jew twehhil ta’ l-istess, a spejjez esklussivi tas-socjeta` intimata u skond kull direzzjoni jew ordni illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun necessarju u opportun skond ic-cirkustanzi tal-kaz;

“4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-agir tas-socjeta` ntimata kkaguna danni lis-socjetajiet rikorrenti Mizzi Home Furnishings Ltd (C 22783), Millenia Ltd (C 22784), Mizzi Group Limited (C 21948) jew min minnhom;

> "5. Tillikwida d-danni kkagunati lis-socjetajiet rikorrenti Mizzi Home Furnishings Ltd (C 22783), Millenia Ltd (C 22784), Mizzi Group Limited (C 21948) jew min minnhom okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi;
>
> "6. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lis-socjetajiet rikorrenti Mizzi Home Furnishings Ltd (C 22783), Millenia Ltd (C 22784), Mizzi Group Limited (C 21948) jew min minnhom is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta mis-socjeta` intimata in linea ta' danni;
>
> "Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali u bl-imghaxijiet legali u bl-ingunzjoni tad-diretturi rapprezentanti u azzjonisti tas-socjeta` intimata in subizzjoni".

Rat li s-socjetà konvenuta baqghet ma ressqet ebda risposta.

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Marzu, 2013, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti u konsegwentement iddecidiet l-vertenza billi:

1. Iddikjarat li t-turf sintetiku mertu tal-kawza ma kienx idoneu ghall-uzu kif reklamat u garantit mis-socjeta` intimata;

2. Iddikjarat ukoll li l-agir tal-istess socjeta` intimata kkaguna danni lis-socjetajiet rikorrenti;

3. Illikwidat id-danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti fuq indikati fl-ammont komplessiv ta' tmienja u erbghin elf, hames mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€48,586.55);

4. Ikkundannat lis-socjeta` intimata Italgreen SPA biex thallas lis-socjetajiet rikorrenti in solidum l-ammont hekk likwidat;

5. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata u bl-imghaxijiet skont il-ligi mit-22 ta' Novembru, 2006, (data tal-ewwel ittra ufficjali indirizzata lis-socjeta` intimata), sad-data tal-effettiv pagament;

6. Irriteniet illi t-talbiet l-ohra sollevati mis-socjetajiet rikorrenti jirrizultaw issa superati u allura, irrilevanti, astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi nonostante d-dilungar kollu tal-procedura riskontrat is-socjeta` intimata baqghet fi stat ta' kontumacja;
>
> "Illi mill-evidenza karpita, ir-rizultanzi jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
>
> "1. Illi s-socjetajiet rikorrenti xtraw it-turf sintetiku tal-kwalita` fuq gia` ndikata biex ibieghu lill-klijenti taghhom fuq ukoll gia` riferiti;
>
> "2. Illi l-istess turf sintetiku kien gie reklamat f'fuljetti appoziti b'garanzija ghal zmien ghaxar (10) snin u li seta' jigi utilizzat mill-isportivi b'mod illimitat;
>
> "3. Illi munita b'tali garanzija s-socjetajiet rikorrenti sussegwentement bieghu l-istess turf lil General Sports Enterprises Limited, lill-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien u liz-Zghazagh Azzjoni Kattolika tal-Mosta biex jigi minnhom hekk utilizzati;
>
> "4. Illi wara li t-turf beda jintuza mill-utenti kompraturi fuq riferiti t-turf tqatta', tmermer u ma baqax aktar tajjeb ghall-uzu pre-destinat kif

> ikkonfermat minn dokumentazzjoni appozita fir-rigward, (ara fol 68, fol 75 u fol 80);
>
> "5. Illi ghalhekk it-turf mibjugh lill-utenti fuq riferiti u lis-socjetajiet rikorrenti mis-socjeta` intimata, abbundantement jirrizulta li ma kienx tal-kwalita` pattwita u allura ma kienx idoneu ghall-uzu reklamat u garantit mill-istess socjeta` intimata;
>
> "6. Illi jirrizulta ampjament assodat li d-danni komplessivi sofferti mis-socjetajiet rikorrenti jammontaw ghal tmienja u erbghin elf, hames mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€48,586.55), (ara fol 142);
>
> "7. Illi fir-rigward, is-socjeta` intimata baqghet fi stat ta' kontumacja u konsegwentement ma pprezentat l-ebda kontestazzjoni legalment valida skont il-ligi;".

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Dr Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali tas-socjetà konvenuta estera appellanti Italgreen SpA, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm premessi talbet (i) ir-revoka tal-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Jannar, 2008, li permezz tieghu ddikjarataha kontumaci; (ii) ir-revoka tal-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu cahdet it-talba taghha ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, (iii) ir-revoka tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Marzu 2013, li permezz taghha giet ikkundannata thallas is-somma ta' €48,586.55 bhala danni lill-atturi u minflok takkorda lis-socjetà konvenuta appellanti l-opportunità li tipprezenta r-risposta mahlufa taghha, filwaqt li tirrimetti l-kawza lura lill-ewwel Qorti sabiex tinstema' u tigi trattata; (iv) f'kaz li tigi kkonfermata l-kontumacja tal-appellanta u ma tithalliex tipprezenta r-risposta mahlufa, tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-

26 ta' Marzu, 2013 u minflok tichad it-talbiet tal-atturi ghar-ragunijiet hemm premessi; bl-ispejjez kontra l-kumpaniji appellanti.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà General Sports Enterprises Limited, li permezz taghha tikkontendi li fil-mertu s-sentenza appellata hija ekwa u gusta u jisthoqqilha li tigi kkonfermata, izda tinkludi wkoll appell incidentali. Ghalhekk filwaqt li titlob li l-appell principali jigi rigettat bl-ispejjez kontra s-socjetà appellanti titlob ukoll li tigi riformata l-istess sentenza, billi filwaqt li tigi kkonfermata fil-mertu, tigi riformata fuq il-likwidazzjoni tad-danni.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet attrici appellati Mizzi Home Furnishings Limited, Millenia Limited u Mizzi Group Limited, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm minnhom premessi, talbu li din il-Qorti tichad l-appell interpost mis-socjetà konvenuta appellanti, bl-ispejjez kontra taghha.

Rat ir-risposta tal-appell tal-attur appellat Kunsill Lokali Tarxien li permezz taghha u ghar-ragunjiet premessi talab li din il-Qorti tichad l-appell interpost mis-socjetà konvenuta appellanti, bl-ispejjez kontra taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu jirrizulta li wara li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell, dan baqa' differit ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-socjetajiet rikorrenti appellati qeghdin ifittxu lis-socjetà konvenuta appellanti, socjetà estera registrata fl-Italja, kemm ghad-danni, kif ukoll qeghdin jitolbu li jinbidel it-*turf* supplit minnha, peress li dan it-*turf* tqatta' u tmermer u spicca f'kundizzjoni li mhux tajjeb ghall-uzu li nxtara ghalih, hekk kif reklamat u garantit.

L-appell tas-socjetà konvenuta appellanti jissejjes fuq sitt aggravji li ser jigu trattati serjatim.

Fl-ewwel aggravju, is-socjeta' appellanti tissoleva n-nuqqas ta' notifika valida peress li din ma sartix in konformità mar-Regolament 1348/2000 tal-Kunsill Ewropew. Is-socjetà konvenuta appellanti tikkontendi li n-notifika taht ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1348/2000, kif ukoll taht dak prezenti r-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1393/2007, tista' ssir biss permezz ta' ufficjali gudizzjarji jew persuni ohra kompetenti tal-Istat Membru ndirizzat, kif specifikat mill-istess Stat membru. Targumenta li taht ir-Regolament 1348/2000, l-Italja kienet tippermetti

notifika diretta biss tramite "*the competent officials of the Member State*", li fil-kaz tal-Italja huma l-"*Ufficiali Giudiziari",* li jistghu jaffettwaw notifika permezz tal-*courier,* izda dan jekk awtorizzat minnhom biss billi jippreparaw l-atti ghan-notifika. Dan jinsab konfermat permezz tal-affidavit tal-avukat Taljan Sandro Andreotti. Ladarba n-notifika fil-kaz in ezami saret direttament mill-konsulenti legali tal-atturi, minghajr l-intervent tal-Qrati f'Malta jew fl-Italja, targumenta li n-notifika mhix wahda proceduralment korretta ai termini tar-regolament Ewropew.

Taht l-istess aggravju, is-socjetà konvenuta appellanti tallega wkoll li giet aggravata peress li kien hemm nuqqas ta' notifika tad-dokumenti kollha. Filwaqt li tikkoncedi li rceviet xi dokumenti mill-Qorti dwar il-kawza odjerna, hija tichad kategorikament illi hija qatt irceviet kopja tal-inkartament kollu tal-kawza. Issostni li kull ma rceviet kien l-avviz tas-smiegh tal-ewwel seduta, izda li dan l-avviz ma kienx akkumpanjat bi traduzzjoni bit-Taljan u lanqas b'rikors guramentat u traduzzjoni tieghu. Tghid li rceviet ukoll zewg avvizi mibghutin mill-assistenta gudizzjarja, izda ma baqghet qatt irceviet ir-rikors guramentat innifsu. Tinsisti li l-istqarrija fl-atti illi hija giet notifikata bl-inkartament tal-kawza hija erronja ghaliex hija baqghet qatt ma rceviet id-dokumenti mehtiega.

Konsegwentement targumenta illi n-nuqqas ta' notifika valida teskludi l-kontumacja, peress li l-ghoxrin jum ghall-prezentata ta' risposta

guramentata jibdew jghaddu biss mid-data tan-notifika valida. Isegwi wkoll li qatt ma setghet wriet kontumelja u dispett lejn il-Qorti jekk in-notifika tar-rikors guramentat in kwistjoni qatt ma sehhet. Tinsisti li n-notifika li sehhet fis-26 ta' Ottubru, 2007, hija nulla u minghajr effett u ghalhekk ma kellhiex tigi dikjarata kontumaci u li r-rikors taghha tas-16 ta' Marzu, 2010, kellu jintlaqa'. Inoltrè l-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tisma' x-xhieda ta' Danilo Albani Rocchetti u Avv. Sandro Andreotti, li kienu prezenti waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju, 2012, kien ta' pregudizzju kbir ghaliha u bi ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq. Ghalhekk tinsisti li hemm lok illi l-provvedimenti tal-ewwel Qorti rigward l-allegata kontumacja taghha jigu revokati u li l-kawza tigi rimessa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tinstema' u tigi trattata wara li hija tinghata l-opportunità li tressaq ir-risposta mahlufa opportuna.

Inkwantu l-ewwel aggravju, ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma tistax taqbel mieghu. Jibda billi jinghad illi l-Qrati Maltin rinfaccati bi kwistjoni dwar is-servizz ta' dokumenti gudizzjarji u extra-gudizzjarji fi kwistjonijiet civili jew kummercjali f'pajjiz Stat Membru fl-Unjoni Ewropea jridu jsegwu r-regoli li johorgu mill-istrument legali relativ li huwa enforzabbli f'Malta bhala Stat Membru fl-Unjoni Ewropea. Dan l-istrument legali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 applikabli ghall-kaz in ezami, sussegwentement sostitwit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1393/2007, sewwa sew minhabba li huwa

Regolament, illum jaghmel parti mis-sistema tal-ligijiet ta’ Malta b’effett dirett. Kif jirrizulta mill-preambolu tal-istess regolament, l-iskop ta’ dan ir-regolament kien li sabiex ikun hemm l-efficenza u l-heffa fi proceduri gudizzjarji fi kwistjonijiet civili, u t-trazmissjoni ta’ dokumenti gudizzjarji u extra-gudizzjarji ssir direttament u b’mezzi mhaffa bejn korpi lokali nnominati mill-Istati Membri, bl-iskop li jkun jista’ jahdem b’mod xieraq is-suq intern.

Madankollu, minn ezami tal-imsemmi regolament, is-servizz ta’ dokumenti gudizzjarji ma jsehhx biss permezz ta’ agenziji, ufficjali gudizzjarji jew persuni ohra kompetenti. L-Artikolu 14(1) tar-regolament 1348/2000 jipprovdi wkoll li kull Stat Membru ghandu jkun liberu li jaghmel notifika ta’ dokumenti gudizzjarji direttament bil-posta lill-persuni li jabitaw fi Stat Membru iehor. Fil-fatt huma bosta l-iStati Membri li jaccettaw dan il-mezz ta’ servizz (ara f’dan is-sens il-kaz C-14/08 **Roda Golf & Beach Resort SL**). Minn qari tal-kummentarju qabel ma dahal fis-sehh l-imsemmi regolament, partikolarment dwar l-Artikolu 14(2) tal-istess Regolament, certi Stati Membri, sabiex jipprovdu certu garanziji minimi lill-persuni resident fl-Istat Membru taghhom, dahhlu certu kondizzjonijiet li bihom wiehed jista’ jaccetta li sehhet n-notifika ta’ dokumenti ufficjali permezz tal-posta, bhal per ezempju, l-uzu ta’ posta registrata jew ir-regoli tal-Konvenzjoni li d-dokumenti jkunu tradotti fil-lingwa tal-pajjiz. Xi Stati Membri ma interpretawx l-Artikolu

14(1) fis-sens li kien jehtieg li d-dokument notifikat permezz tal-posta ikun tradott fil-lingwa tal-pajjiz, bil-konsegwenza li hassew il-htiega li taht l-Artikolu 14(2) jipprovdu specifikatament li jekk dokumenti gudizzjarji ma jkunux tradotti, huma ma jaccettawx dak is-servizz bhala wiehed validu. Hekk gara fil-kaz tal-Italja, fejn kif jirrizulta mid-dokument esebit mill-istess socjetà konvenuta, ipprovdew specifikatament li:

> "*Service of documents by post is accepted provided that they are accompanied by an Italian translation*".

Ghalhekk kuntrarjament ghal dak sottomess mis-socjetà konvenuta appellanti, l-Italja ma tippermettix biss li ssir notifika permezz tal-ufficjali taghha. Rilevanti ferm f'dan il-kuntest hija d-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-9 ta' Frar, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Plumex v. Young Sports NV**, fejn intqal:

> "*19 By its first question, the national court asks, essentially, whether any hierarchy exists between service through agencies and service by post, whereby the first method takes precedence over the second where both have been validly effected.*
>
> "*20 It must be observed at the outset that there is nothing in the wording of the Regulation to indicate that it introduced a hierarchy between those methods of service. Neither the recitals in its preamble nor its provisions state that a method of transmission and service, used in accordance with the rules of the Regulation, would rank below the method of service through agencies.*
>
> "*21 Moreover, it follows from the spirit and purpose of the Regulation that it is intended to ensure that judicial documents are served effectively, while respecting the legitimate interests of the persons on whom they are served. Although all the methods of service provided for by the Regulation can ensure, as a rule, that those interests are respected, it must be conceivable, in view of that purpose, to use one or other, or indeed two or more at once of those*

> *methods of service which appear the most suitable or appropriate in light of the circumstances of the case.*
>
> "*22 In view of the foregoing, the answer to the first question must be that the Regulation does not establish any hierarchy between service through agencies and service by post and, consequently, it is possible to serve a judicial document by one or other or both of those methods*".

Konsegwentement dik il-Qorti *inter alia* kkonkludiet:

> "*Council Regulation (EC) No 1348/2000 of 29 May 2000 on the service in the Member States of judicial and extrajudicial documents in civil or commercial matters must be interpreted as meaning that it does not establish any hierarchy between the method of transmission and service under Articles 4 to 11 thereof and that under Article 14 thereof and, consequently,* ***it is possible to serve a judicial document by one or other or both of those methods***". (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Konsidrata din l-interpretazzjoni cara moghtija mill-Qorti Ewropea, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li fil-kaz in ezami, in-notifika permezz tal-posta mwettqa mis-socjetajiet rikorrenti, ghandha titqies bhala servizz ta' notifika regolari ghall-fini tar-Regolament 1348/2000.

Imiss li jigi trattat dak il-parti tal-ewwel aggravju li jitratta n-nuqqas ta' notifika valida u regolari, li minnu jikkonsegwi li ma kellhiex tigi dikjarata kontumaci. Hawn ukoll l-ilment tas-socjetà konvenuta appellanti ma jregix. Jibda billi jinghad li fil-process tirrizulta l-prova illi fis-26 ta' Ottubru, 2007, hija giet notifikata fis-sede taghha f'Bergamo, l-Italja, b'dokumenti mibghuta lilha mill-konsulenti legali tas-socjetajiet rikorrenti, li intavolaw il-proceduri odjerni fid-9 ta' Ottubru, 2007. Permezz ta'

dikjarazzjoni esebita in atti, Danilo Albani Rocchetti, *Export Manager* mas-socjetà konvenuta appellanti jinsisti li ghall-habta ta' Ottubru 2007 huwa rcieva biss l-avviz ghas-smigh ta' kawza, li minnu ma kien hemm ebda referenza ghalxiex kien jirreferi l-kaz u ma rceviex ir-rikors guramentat, bit-traduzzjoni relattiva fil-lingwa taljana. Jghid li wara li ha parir legali baqa' jistenna li jircievi r-rikors guramentat li jigi kkonsenjat lilu b'mod ufficjali permezz ta' ufficjal gudizzjarju, li baqa' ma wasalx. Kull ma rcieva kienu xi ittri mill-assistenta gudizzjarja fl-2008 li kienu bil-Malti. Filwaqt li f'Settembru 2009, il-konsulenti legali tas-socjetajiet rikorrenti kitbulu dwar il-*ground* f'Sannat. Kien f'dan l-istadju li ghamlu kuntatt mal-avukati taghhom f'Malta.

Min-naha l-ohra permezz ta' affidavit Dr Anita Fenech ghas-socjetajiet rikorrenti tikkonferma bil-gurament taghha illi saret in-notifika regolari kif jitlob ir-regolament 1348/2000 u li mhux biss intbaghat ir-rikors guramentat flimkien mat-traduzzjoni relattiva, izda kellha wkoll konferma li wasal peress li l-avukat Sandro Andreotti cemplilha u kkonfermalha li waslu d-dokumenti, izda kkumentalha li probabilment ma kienx ser ilahhaq iwiegeb fit-terminu ta' ghoxrin gurnata.

Tabilhaqq dawn huma zewg verzjonijiet konfliggenti, izda konsidrat li s-socjetà konvenuta tikkoncedi li waslilha l-avviz tas-smigh, din il-Qorti pjuttost issib il-verzjoni tal-konsulent tas-socjetajiet rikorrenti aktar

konvincenti, peress li solitament l-avviz tas-smigh u r-rikors promotur ikunu annessi f'daqqa. Inoltrè, huwa ritenut li kieku tabilhaqq is-socjetà konvenuta waslilha biss l-avviz tas-smigh, kien ikun ghaqli f'dak l-istadju li jikkonsultaw mal-avukati taghhom f'Malta f'dak il-waqt u mhux aktar minn sentejn wara, agir li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa wiehed indikattiv ta' traskuragni u non-kuranza.

Kif ritenut minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Sacco et v. Concetta Charles et**:

> "*Is-sentenza fl-ismijiet "Vittorio Cassar –vs- Carmelo Vassallo", Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Mejju 1937, (Kollez Vol XXIX pI p1581) telenka dawn il-principji in materja ta' kontumacja, u cjoe`:*
>
> > 1. "*Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet voluntarja;*
> > 2. *Anqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
> > 3. *Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*
> > 4. *Din il-kawza gusta ghandha tikkonsisti f'impediment legittimu;*
> > 5. *L-impediment biex ikun legittimu, ghandu jkun jiddependi mill-volonta` tal-kontumaci;*
> > 6. *L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun zball vincibbli, allura jigi ekwiparat ghal kolpa;*
> > 7. *Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibbli";*
> > 8. *L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni, jew almenu d-diffikolta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."*
>
> "*Mod jew iehor dawn il-principji gew konsegwiti f'bosta insibuha ahjar kompendjata fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Dicembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Ebejer et –vs- Philip Attard", ghal liema qed issir pjena riferenza*".

Filwaqt li din il-Qorti tabbraccja dawn l-insenjamenti, issib li meta tapplikahom ghall-kaz in ezami, jidher li l-agir tas-socjetà konvenuta appellanti jista' jigi ekwiparat ghal kolpa u ghalhekk ma tistax tghid li l-kontumacja tas-socjetà konvenuta appellanti tista' tigi gustifikata. Isegwi li l-ewwel aggravju tas-socjetà appellanti ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, dak fejn is-socjetà konvenuta appellanti tishaq li l-kontumacja hija minnha nnifisha kontestazzjoni tat-talbiet attrici u ma tammontax ghal ammissjoni. Hekk ukoll, l-atturi mhumiex ezentati mill-obbligu li jressqu l-ahjar prova. Tikkontendi li filwaqt li hija ma setghetx tressaq nota tal-eccezzjonijiet, xhieda jew provi, setghet tressaq nota ta' sottomissjonijiet li fiha tinkludi referenza ghal kwistjonijiet ta' materja ta' ordni pubbliku li kellhom jigu indirizzati mill-ewwel Qorti. Mentri l-ewwel Qorti ghamlet l-osservazzjoni li mhux biss baqghet fi stat ta' kontumacja, izda qalet ukoll li ma pprezentat l-ebda kontestazzjoni legalment valida skont il-ligi. Dan jinsab kontestat mis-socjetà konvenuta appellanti.

Ghandu jinghad li huwa minnu li l-ewwel Qorti ghamlet asserzjoni zbaljata, inkwantu minnha wiehed jifhem li ma qisetx is-sottomissjonijiet imressqa mis-socjetà konvenuta appellanti. Mentri l-ligi stess tipprovdi taht l-Artikolu 158(10) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li

l-konvenut kontumaci ghandu jinghata d-dritt li jressaq nota ta' sottomissjonijiet sabiex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-atturi. Ghalkemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tad-difensur tas-socjetà konvenuta appellanti li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet ghall-patrocinata tieghu, minn ezami tas-sentenza ma jirrizultax li dik il-Qorti qieset tal-inqas dawk il-punti hemm imqajjma li huma ta' materja ta' ordni pubbliku li kellhom jigi indirizzati. Isegwi li jehtieg li din il-Qorti tinvesti dan l-aggravju ulterjorment, billi tqis dawn il-punti rilevati mis-socjetà konvenuta appellanti.

Fil-fatt, taht it-tielet aggravju s-socjetà konvenuta appellanti ssemmi kontestazzjoni ta' din ix-xorta, dik dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti. Is-socjetà konvenuta appellanti tikkontendi li l-Qrati Maltin ma ghandhomx il-gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-mertu tal-kaz u dan ai termini tar-Regolament tal-Kunsill 44/2001 dwar gurisdizzjoni u rikonixximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali. Hija ssostni dan billi tghid illi l-konsenja tal-materjal kellha ssir fis-sede tal-kumpanija (Villa d'Adda), bil-konsegwenza legali kellha tkun li proceduri legali fil-konfront ta' Italgreen S.p.A, kellhom jinbdew fil-Qrati tal-Italja. Is-socjetà konvenuta appellanti tinsisti illi ghalkemm hija ma setghetx tressaq eccezzjonijiet, peress li kienet kontumaci, l-ewwel Qorti kellha tqis din il-kwistjoni bhala wahda ta' ordni pubbliku, li hija qajmet

fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra fis-sentenza taghha.

Ghandu jinghad li ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-asserzjoni tas-socjetà konvenuta appellanti, safejn jinghad minnha illi l-ewwel Qorti kellha tqis din il-materja ta' gurisdizzjoni, madankollu ma taqbilx mas-sustanza ta' dan l-aggravju tas-socjetà konvenuta. Jibda billi jinghad, li s-socjetà konvenuta appellanti mhix fattwalment korretta meta taghmel referenza ghad-dokument esebit a fol. 168 tal-process, inkwantu dan id-dokument jitratta stima moghtija lis-socjetà Millennia Limited ghal B'Kara FC, u ma jitrattax il-kuntratti mertu tal-kaz in ezami. Mid-dokumenti esebiti fil-process tirrizulta biss il-fattura tas-socjetà konvenuta appellanti li tikkoncerna l-Kunsill Lokali ta' Tarxien, li fil-kaz taghha ma jirrizultax id-dettall tal-post li fih kellha ssir il-konsenja. Min-naha taghhom is-socjetajiet appellati jikkontendu li l-fornitura tal-materjal mibjugh saret f'Malta. Inoltrè s-socjetajiet rikorrenti qeghdin permezz tal-azzjoni odjerna jitolbu danni, kif ukoll twettieq ta' obbligazzjoni kuntrattwali a bazi tal-garanzija moghtija mis-socjetà konvenuta appellanti fuq prodott mibjugh minnha li jinsab hawn Malta.

In tema legali, qabel xejn, tajjeb jinghad illi tabilhaqq il-materja in ezami hija regolata bid-dispozizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru 2000, dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent u

ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali li ghandhom ikomplu jghoddu fil-kwistjonijiet li jaqghu fl-ambitu ta' dak ir-Regolament, kif pubblikat fil-Gurnal Ufficjali tal-Komunitajiet Ewropej tas-16 ta' Jannar, 2001. Dan l-istrument legali, sewwa sew ladarba huwa Regolament, kif inghad qabel, illum jaghmel parti mis-sistema tal-ligijiet ta' Malta b'effett dirett. Ghalhekk Qorti Maltija trid issegwi r-regoli li johorgu mill-istrument legali hawn qabel imsemmi, li huwa enforzabbli f'Malta bhala Stat Membru fl-Unjoni Ewropea.

Issa, kif rilevat mir-rikorrenti appellati fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Dicembru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Boarding School (Malta) Ltd. v. Maizie Williams**, gie rilevat illi:

> "*L-artikolu 24 tal-Regolament 44/2011 ighid illi:*
>
>> "*Apart from jurisdiction derived from other provisions of this Regulation, a Court of a Member State before which a defendant enters an appearance shall have jurisdiction. This rule shall not apply where appearance was entered to contest the jurisdiction, or where another Court has exclusive jurisdiction by virtue of article 22."*
>
> "*L-artikolu 22 isemmi sitwazzjonijiet ta' gurisdizzjoni esklussiva li ebda wahda minnhom ma hi applikabbli ghal kaz in kwistjoni u ghalhekk qed jigi injorat ghall-iskop ta' din il-vertenza.*
>
> "*Il-kwistjoni fil-fehma tal-Qorti tirrisolvi ruhha fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tar-Regolament. L-aktar relevanti ghal din il-vertenza hu l-kaz 150/80 Elefanten Schuh GmbH vs Pierre Jacqmain, ECR1671 fejn il-Qorti Ewropea qalet hekk:*
>
>> "*The Hof van Cassatie asks in this regard whether jurisdiction must be contested in limine litis. For the purposes of interpreting the Convention that concept is difficult to apply in view of the appreciable differences existing between the legislation of the Contracting States with regard to bringing actions before courts of law, the appearance of defendants and the way in which the parties to an action must formulate their submissions. However, it follows from the aim of Article*

> *18 that if the challenge to jurisdiction is not preliminary to any defence as to the substance it may not in any event occur after the making of the submissions which under national procedural law are considered to be the first defence addressed to the court seised. Article 18 of the Convention must be interpreted as meaning that the rule on jurisdiction which that provision lays down does not apply where the defendant not only contests the courta' s jurisdiction but also makes submissions on the substance of the action, provided that, if the challenge to jurisdiction is not preliminary to any defence as to the substance, it does not occur after the making of the submissions which under national procedural law are considered to be the first defence addressed to the court seised*".

Hekk gara fil-kaz in ezami meta s-socjetà konvenuta appellanti dehret l-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti, hija kkontestat il-validità tan-notifika u pprovat tiggustifika l-kontumacja taghha, izda kien biss fl-istadju ta' nota ta' sottomissjonijiet li qajmet il-kwistjoni ta' gurisdizzjoni. Konsegwentement ladarba s-socjetà konvenuta appellanti ma qajmitx l-kwistjoni ta' gurisdizzjoni *in limine litis* hija meqjusa li accettat il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.

Madankollu, ikun utli li jigu elenkati xi principji rilevanti, stabbiliti permezz tal-istess Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001:

L-Artikolu 2 para. 1 tar-Regolament 44/2001 jghid hekk:

> "*Bla pregudizzju ghal dan ir-Regolament, persuni b'domicilju fi Stat Membru ghandhom, independentament min-nazzjonalita taghhom, jigu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru*".

Izda l-principju li l-gurisdizzjoni hi dipendenti mid-domicilju tal-persuna, dan mhux wiehed assolut. Dan jinghad peress li kif jirrizulta mir-*recital*

tal-preambolu tal-istess Regolament, b'zieda mad-domicilju tal-konvenut, ghandu jkun hemm bazi alternattiva ta' gurisdizzjoni bbazata fuq ir-rabta mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni sabiex tkun iffacilitata amministrazzjoni tajba tal-gustizzja.

Il-possibilita` li persuna domiciljata fi stat membru tigi mharrka fi stat membru iehor hi espressament kontemplata mill-istess Regolamenti fuq riferiti (Artikolu 3 jipprovdi li persuni domiciljati fi stat membru, jistghu jigu mfittxija fil-qrati ta' stat membru iehor biss bis-sahha tar-regoli 2 sa 7 tat-tieni Kapitolu);

Fil-fatt l-Artikolu 5 tal-istess direttiva jipprovdi hekk:

> "*Persuna domiciljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru iehor, tkun imfittxijja:*
>
> "*1.(a) f'materji li ghandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettieq tal-obbligi f'dak il-kaz;*
>
> "*(b) ghall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni u sa kemm ma jkunx miftiehem mod iehor, il-post tat-twettieq tal-obbligi f'dak il-kaz ghandu jkun:*
>
> "*— fil-kaz ta' bejgh ta' oggetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, l-oggetti gew kunsinjati jew suppost li kienu kunsinjati,*
> "*— fil-kaz ta' provista ta' servizzi, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, fejn gew provduti jew suppost li kienu provduti servizzi*
>
> "*(c) jekk is-sub-paragrafu (b) ma japplikax, japplika is-sub-paragrafu (a)*".

Issa fil-kaz in ezami m'hemmx dubju li ghalkemm is-socjetà konvenuta appellanti hija domiciljata l-Italja, l-impostazzjoni tat-talbiet attrici *inter*

*alia* jinkludu li jigu mwettqa l-garanziji moghtija mis-socjetà estera fuq il-prodott taghha installat hawn Malta. Ghalhekk huwa ritenut li l-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni konkomitanti a bazi tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament 44/2001 ghall-kaz in ezami, inkwantu qieghed jintalab twettieq tal-obbligi tas-socjetà konvenuta appellanti naxxenti mill-garanzija moghtija minnha fuq prodott li jinsab hawn Malta.

Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jimmerita li jintlaqa' u ser jigi michud.

Imiss li jigi trattat ir-raba' aggravju, dak dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjetà konvenuta appellanti u l-atturi kollha hlief Millennia Limited. Hija tishaq li bieghet il-prodott taghha direttament lil Millennia Limited u mhux lill-atturi l-ohra u li hija ma kellhiex sehem fil-kuntratti ta' appalt ghat-tqeghid tat-*turf*. Kwindi targumenta li ma ghandhiex relazzjoni ma' General Sports Enterprises Limited u mal-Kunsill Lokali Tarxien u ghalhekk tikkontendi li ma ghandhiex tigi kkundannata tibdel it-tapit tat-*turf* supplit minnha jew li thallas id-danni sofferti minnhom ladarba ma kenitx hi li ssupplithom bit-*turf.*

Fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas dan l-aggravju ma hu meritevoli, meta wiehed iqis li ghalkemm huwa minnu li mill-atti jirrizultaw il-kuntratti ta' appalt li kien saru bejn Mizzi Group Limited u General Sports Enterprises Limited u bejn Mizzi Group Limited mal-Kunsill Lokali

Tarxien, rispettivament, is-socjetà konvenuta appellanti ma kenitx parti minn dak il-kuntratt, madankollu daqstant jirrizulta mill-atti li s-socjetà konvenuta appellanti harget garanzija diretta f'isem il-Kunsill Lokali Tarxien. Fil-kaz ta' General Sports Enterprises Limited, apparti li mal-kuntratt kien hemm annessa l-garanzija li s-socjetà konvenuta appellanti kienet taghti fuq il-prodott, mix-xhieda ta' Edward Schembri ghal General Sports Enterprises Limited, waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008, jirrizulta wkoll li kien hemm ukoll kuntatt dirett ma' Italgreen SPA, li sahansitra kienet accettat li tibdel l-istess *turf.* Din il-pozizzjoni inbidlet fi stadju sussegwenti meta hija cahdet ir-responsabbilità ghas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha t-*turf* inkwistjoni. Ghalhekk altru li tirrizulta r-relazzjoni guridika bejn l-atturi u s-socjetà konvenuta appellanti.

Ghalhekk dan ir-raba' aggravju ma jistax jitqies meritevoli.

Fil-kaz tal-hames aggravju, jinghad mis-socjetà konvenuta appellanti illi r-rimedji mitluba mill-atturi u moghtija mill-Qorti mhumiex applikabbli fil-kaz in ezami. Hija tikkontendi li ladarba l-atturi jallegaw difett mohbi fit-*turf* sintetiku mibjugh minnha, ir-rimedju disponibbli lill-kuntrattur f'cirkostanzi simili huma l-*actio redhibitorja* jew *aestimatoria.* Issostni li xerrej ghandu dawn ir-rimedji li huma esklussivi u ma jistax ifittex rimedji alternattivi bhal pretensjonijiet ta' danni. Tishaq li t-talbiet attrici ma

jistghux jintlaqghu ladarba ma jinkwadrawx ruhhom fir-rimedji li jaghti l-legislatur, meta jitolbu kemm danni kif ukoll it-tqeghid mill-gdid tat-*turf.*

Ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbel xejn mat-tezi mressqa mis-socjetà konvenuta appellanti, fis-sens li l-unika azzjoni li kienet possibbli ghas-socjetajiet attrici bhala xerrej hija l-azzjoni *redhibitoria* jew l-azzjoni *aestimatorja,* taht l-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili. L-azzjoni prezenti mhux ibbazata fuq allegat difett mohbi izda fuq inadempiment kuntrattwali. Il-fatt li t-*turf* provdut mis-socjetà konvenuta appellanti kien garantit ghal perijodu ta' ghaxar snin f'dak li ghandu x'jaqsam*:*

> "*Resistance at breaking surface system and a fiber pile from the backing support;*
> "*-Normal weather conditions as: Humidity, ice, rain and warm.*
> "*- Abnormal wearing of the carpet*",

ma taghmilx l-oggett tal-kawza bhala milqut minn difett latenti fis-sens li jippreskrivu l-Artikoli 1424 u 1427 tal-Kodici Civili, izda jintalab li tigi onorata l-garanzija moghtija, kif ukoll danni konsegwenzjali ghall-imsemmi nuqqas. Dan in-nuqqas iwassal ghal konsegwenzi ohra, izda mhux li l-oggett tal-kuntratt hu affett minn difetti mohbija. Kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti, fis-7 ta' Lulju, 2006, fl-ismijiet **Renato Iannace et v. J&T Company Limited**:

> "*Dawn l-azzjonijiet li jinsabu mnizzla fl-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili huma marbuta mal-garanzija li jghati l-bejjiegh ghad-difetti li ma jidhrux u li jaghmlu l-haga mhux tajba ghall-uzu li ghaliha hija*

*mahsuba u li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz anqas, jolqtu direttament l-kuntratt ta' trasferiment fih innifsu billi dan jew jigi rexiss jew emendat bhala rizultat. Izda dan ma jfissirx li din hija l-unika triq li ghandu l-akkwirent meta jirrizulta xi nuqqas da parti ta' minn bieghlu. Infatti l-istess artikolu jghid esplicitament li fil-kazijiet imsemmija fl-Artikoli 1424 u 1426, fil-kaz ta' difetti okkulti, ix-xerrej "jista' jaghzel, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja .... inkella, bl-azzjoni stimatorja." B'dana pero` dawn l-azzjonijiet mhux esklussivi ta' kull dritt iehor spettanti lix-xerrej meta minn bieghlu jkun naqas minn xi obbligu specifikatament kontemplat fil-kuntratt*". (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Frar, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Gennaro Rosario De Luca v. Perit Arkitett David Psaila et**, intqal li:

"*Illi l-azzjoni tal-atturi hija waħda mibnija fuq il-ksur tar-rabtiet kuntrattwali tal-bejjiegħ f'kuntratt ta' bejgħ ta' ħaġa li ma tkunx tal-kwalita' miftehma. M'hijiex azzjoni dwar il-garanziji għal difetti mistura tal-ħaġa mibjugħa. Fi kliem ieħor, l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-ftehim bejnhom u MDPL. L-effett tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jnissel il-jedd tal-kreditur ta' dik l-obbligazzjoni li jitlob id-danni mingħand il-parti l-oħra li tkun naqset milli twettaq dik ir-rabta tagħha. Dan jgħodd ukoll fil-kuntratt tal-bejgħ-u-xiri*".

Aktar ricentement gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tad-19 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Jean Vella v. Paul Camilleri** et:

"*Illi tajjeb jingħad li huwa stabilit u aċċettat li meta l-ħaġa mibjugħa ma tkunx taqbel mal-ftehim, ma jfissirx tabilfors li din tkun milquta minn xi difett redibitorju. F'każ bħal dak, x'aktarx li jkun li n-nuqqas jissarraf f'inadempiment kuntrattwali li ma jidħol xejn fih l-għoti tal-garanziji li l-liġi torbot lill-bejjiegħ bihom. …*".

Huwa accettat illi ladarba s-socjetà konvenuta appellanti bhala venditrici tat-*turf* tat garanzija lis-socjetajiet attrici, li t-*turf* oggett tal-kuntratt bejn il-

partijiet kien kopert b'garanzija ta' ghaxar snin, kif inghad qabel, hija ghandha twiegeb ghall-garanzija moghtija minnha u s-socjetajiet attrici ghandhom id-dritt jitolbu d-danni minghajr ma jitlob rexxissjoni tal-kuntratt, ladarba tali garanzija ma tirrizultax debitament onorata. Meta min ibiegh jonqos minn xi obbligazzjoni minnu specifikament maqbula fuq kuntratt, huwa responsabbli ghad-danni kemm a bazi tal-principju ta' *pacta sunt servanda*, rifless fl-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, kif ukoll a bazi ta' inadempiment kuntrattwali u l-konsegwenzjali danni naxxenti min-nuqqas li tigi esegwita obbligazzjoni li tkun kuntrattata, hekk kif mahsub taht l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tat-3 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **George Portanier noe v. Charles Bezzina**:

> "*Jinhass opportun f'kazijiet ta' din ix-xorta illi jigu ribaditi certi principji regolanti materja ta' kuntratti jew skritturi ta' ftehim:*
>
> "*I. F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti [Artikolu 992(1), Kodici Civili; "Carmelo Bajada nomine –vs- Fr. Saviour Cachia et nomine", Appell Kummercjali, 16 ta' Lulju 1973);*
>
> "*II. Hi regola li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-bona fidi (Artikolu 993, Kodici Civili; Vol. XXI P I p 283);*
>
> "*III. Hi wkoll regola ben affermata illi kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba (Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur")*".

Ghalhekk it-talbiet tas-socjetajiet attrici huma essenzjalment abbinati ma' rimedju generali taht il-ligi civili. Kif rilevat minn din il-Qorti fis-

sentenza taghha tad-29 ta' Mejju, 2009 fl-ismijiet **Baldassare Bugeja et v. George Muscat et**:

> "*Din l-azzjoni tidher li giet accettata minn din il-Qorti almenu f'zewg sentenzi. Fil-kawza Caruana v. Vella, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2003, il-venditur instab responsabbli ghad-danni meta biegh fond meta kien jaf jew kellu jkun jaf li l-appartament in kwistjoni ma kienx kopert bil-permessi relattivi. Fil-kawza Mallia Bonello v. Camilleri, deciza wkoll minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 2008, din il-Qorti osservat illi:*
>
> *"Hija haga evidenti ghal din il-Qorti illi l-azzjoni ta' l-attur hija wahda intiza ghar-rizarciment tad-danni li huwa sejjer isofri minhabba li, kif jallega, il-konvenuti ttrasferewlu fond residenzjali msemmi fic-citazzjoni meta dan ma kienx kopert mid-debiti permessi mill-Awtorita` kompetenti biex jintuza ghal skop residenzjali. Bhala tali jidher li l-azzjoni odjerna ta' l-attur hija bbazata fuq l-Aritkolu 1125 tal-Kodici Civili kif ukoll l-Artikolu 1127 ta' l-istess kodici. Dawn l-Artikoli rispettivament jiddisponu hekk:*
>
>> *"1125. Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, huwa obbligat ghad-danni.*
>>
>> *"1127. Fil-kaz li ma tigix esegwita obbligazzjoni li biha wiehed ikun intrabat li jaghmel xi haga, il-kreditur jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb jesegwiha huwa nnifsu bi spejjez tad-debitur""*".

Dan kollu kien ribadit minn din il-Qorti aktar recentement fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Franco Depasquale v. Gaetano Abela**. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dawn l-insenjamenti, u tqis li huma applikabbli ukoll fil-kaz in ezami stante li n-nuqqas tas-socjetà konvenuta appellanti rreka pregudizzju lis-socjetajiet attrici, liema pregudizzju huwa kkonfermat ukoll mir-rizultanzi tal-perizja teknika *ex parte* pprezentata in atti. Huwa ritenut li d-danni li garrbu s-socjetajiet attrici, huma tabilhaqq konsegwenza diretta tan-nuqqas

kuntrattwali, da parti tas-socjetà konvenuta appellanti, li tonora l-garanzija moghtija minnha.

Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu.

Jonqos li jigi trattat is-sitt aggravju tal-appell principali, dak fejn jinghad mis-socjetà konvenuta appellanti li fil-mertu s-socjetajiet attrici ma gabux l-ahjar prova li turi r-responsabbilità taghha ghad-danni fl-ammonti li giet ordnata li thallas. Hija tishaq fuq il-punt li minkejja li kienet kontumaci, l-atturi xorta wahda jehtiegilhom igibu prova tar-responsabbilità tal-konvenuta u tad-danni allegatament sofferti minnhom bhala konsegwenza tal-istess agir taghha. Il-prova kellha tkun l-ahjar prova.

Hawn ukoll, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-socjetà konvenuta appellanti meta jinghad minnha li r-rapporti teknici mhejjija mis-*Centre for Sports Technology* ma jistghux jitqiesu l-ahjar prova peress li ma kenitx ipprezentata vera kopja taghhom u ma gewx ikkonfermati bil-gurament. Ghalkemm huwa minnu li r-rapporti esebiti mhumiex orginali, dawn jinsabu korroborati kemm bix-xhieda guramentata ta' Desmond Mizzi, kif ukoll bix-xhieda ta' Edward Schembri, John Saliba u Pawlu Farrugia. Inoltrè dan l-ahhar xhud esebixxa wkoll ritratti mehuda minnu li jixhdu sew il-hsara fit-*turf* hekk kif ilmentat minnhom li huma rispekkjati

fl-istess rapport tekniku. Provi li ma gewx kontradetti bi provi ohra. Tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti tqis tali provi bhala sufficjenti ghall-kawza attrici. Lanqas ma taqbel mal-asserzjoni maghmula mis-socjetà konvenuta appellanti fis-sens li l-prova maghmula permezz tal-istess rapport mhix wahda konklussiva. L-istess rapporti jindikaw sew li l-problema tinsab fil-prodott, li f'anqas minn erba' snin falla, u tenut kont tal-garanzija moghtija ta' ghaxar snin kellu jigi rimpjazzat. Difficli li tista' tinghata konkluzjoni cara aktar minn hekk!

Inkwantu l-*quantum* tad-danni, is-socjetà konvenuta appellanti tilmenta li d-danni pretizi huma fil-parti l-kbira tas-somma mitluba, jigifieri €39,900, rapprezentanti telf ta' negozju, wara li allegatament griet il-kelma li t-*turf* supplit minn Italgreen ma kienx ta' kwalità tajba. Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellati kkoncernati jallegaw li kienet is-socjetà konvenuta appellanti li bdiet ixxerred il-kelma li l-problema tat-*turf* kienet qeghda fit-tqeghid mwettaq minnha. Is-socjetajiet appellati jishqu li nkorrew spejjez kemm sabiex jikkommissjonaw ir-rapporti teknici, kemm fi spejjez zejda li nkorrew fil-manutensjoni, kif ukoll tilfu mill-qliegh min-negozju li kienu ser jaghmlu.

Issa huwa principju pacifiku li min jallega jrid jipprova – *qui allegat probat*. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kap. 12. L-Artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti

ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib. Fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Gunju, 1953 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Joseph Hili**, insibu: "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*". Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur lahaq l-oneru tal-prova mitfugh fuqu. Kif inghad qabel, ghalkemm is-socjetà konvneuta appellanti tinsab fi stat ta' kontumacja, din kellha tittiehed ukoll bhala kontestazzjoni fiha nnifisha, fil-konfront tal-*quantum* tad-danni pretizi mis-socjetajiet attrici appellati.

Ghandu jinghad ukoll il-materja ta' likwidazzjoni ta' danni bbazati fuq kemm spejjez maghmula konsegwenza tal-hsara mgarrba, kif ukoll fuq telf ta' qliegh li jista' jkun dovut ghal diversi fatturi, toffri sfida lill-gudikanti. Ghalkemm huwa pacifiku illi l-prova tad-danni tispetta lil min jallega li soffriha kif inghad, izda din il-Qorti tosserva illi huwa accettat, illi f'certu cirkostanzi, id-danni jigu determinati *arbitrio bono viri.* Huwa stabbilit illi l-likwidazzjoni ta' danni *arbitrio boni viri* hija mistennija u f'waqtha meta jkun difficli li ssir il-prova, b'mezzi ordinarji, tad-danni effettivament sofferti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Ottubru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Margaret**

**Camilleri et v. The Cargo Handling Company Limited**, kif ukoll sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Attard v. Direttur Generali tas-Sahha**).

Gie kkonsidrat ukoll dak ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Zammmit noe. v. Charles Polidano pro et noe et**, u cioe`, li:

> "*Hu fil-fatt rikonoxxut lill-gudikant, anke fis-sistema tal-ligi taghna, il-poter diskrezzjonali illi jillikwida t-telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Mhux dejjem hu possibbli illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza tal-entita` tat-telf, u dan l-aktar meta jkunu jezistu diversi konkawzi ghad-dannu, li joholqu diffikultajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika u certa tat-telf. Ghalhekk, minn dejjem giet rikonoxxuta l-possibbilita` ta' valutazzjoni "ex aequo et bono" (ara Kollez. Vol. XXXV.III.615). Fil-fatt jista' jinghad li huwa d-dover tal-Qorti li thares kemm l-interessi tad-danneggjat kif ukoll dawk tad-danneggjant u tasal ghall-ammont li jirrapprezenta bilanc ekwu u gust bejn iz-zewg interessi*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, mill-atti jirrizulta li xehed estensivament Joseph Tabone, direttur ta' whud mis-socjetajiet attrici, li precedentement kien jokkupa l-kariga ta' Financial Controller, fejn esebixxa fattura tar-rapporti imhejjija ghall-kaz in ezami, kif ukoll rendikont ta' spejjez maghmula mis-socjetà attrici appellata Mizzi Group Limited, in konnessjoni ma' tiswijiet maghmula fil-*football pitches* ta' Hal Tarxien u f'Tal-Pietà. Izda meta wiehed jasal ghall-partita dwar telf ta' qliegh imgarrab mill-istess socjetà, ghalkemm jibbaza din il-pretensjoni fuq rata ta' €1.50 ghal kull metru kwadru ta' *turf* installat, u tali rata mhux

meqjusa esagerata, wiehed irid iqis ukoll li din tigi applikata fil-kuntest ta' sitt *football pitches*, mentri mill-atti tirrizulta li saret korrispondenza ma' erbgha minnhom. Prova cara li n-negozju mal-entitajiet amministrattivi ta' dawn l-erba' *football pitches* sfaxxa proprju minhabba dak li gara fil-*football pitches* tal-kaz in ezami ma tirrizultax. Min-naha l-ohra, ghandu jinghata gharfien ukoll ghal fattur iehor, cioè li Malta hija gzira b'suq zghir f'dan is-settur, fejn jekk kemm-il darba jirrizultaw problemi fl-operat ta' kumpanija li tkun qeghda tahdem f'dak il-qasam, il-kelma tigri malajr u indubbjament ikollha effett fuq in-negozju ta' dak l-operatur li jahdem f'dak il-qasam partikolari. Konsidrat dan kollu, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-asserzjoni tal-ewwel Qorti li tiffissa kumpens ta' €48,586.55 bhala danni, izda konsidrat il-fatturi kollha hawn qabel imsemmija, tqis li *arbitrio boni viri* ghandha tirrevedi d-danni likwidati fl-ammont ta' €35,000.

Isegwi li dan l-ahhar aggravju jimmerita li jintlaqa' parzjalment kif inghad.

Jonqos li jigi trattat l-appell incidentali interpost mis-socjetà General Sports Enterprises Limited li permezz tieghu, filwaqt li assocjat ruhha mar-risposta tas-socjetajiet attrici l-ohra, inkwantu s-sentenza fil-mertu hija ekwa u gusta u jisthoqqilha li tigi konfermata, hassitha aggravata inkwantu ghal-likwidazzjoni ta' danni maghmula. Hija tilmenta illi l-

ewwel Qorti llikwidat id-danni a bazi ta' prospett maghmul mis-socjetajiet attrici appellati Mizzi Home Furnishings Limited, Millennia Limited u Mizzi Group Limited, u ma inkludietx d-danni sofferti minnha konsegwenza tal-agir tas-socjetà konvenuta appellanti. Tikkontendi illi mas-somma likwidata ghandha tizdied s-somma ta' €94,365, bhala s-somma li hija hallset fuq it-*turf* sintetiku in kwistjoni. Ghaldaqstant talbet illi filwaqt li din il-Qorti ghandha tirrigetta l-appell principali bl-ispejjez, talbet ukoll ir-riforma tas-sentenza appellata, billi filwaqt li ghandha tigi kkonfermata fil-mertu, ghandha tigi riformata fuq il-likwidazzjoni ta' danni.

Fil-verità minn ezami tat-talbiet attrici fir-rikors promotur, dan l-ilment tal-socjetà General Sports Enterprises Limited ma jidhirx li jista' jintlaqa'. Dan jinghad peress li minn ezami tat-talbiet attrici, filwaqt li t-talbiet tas-socjetajiet Mizzi Home Furnishings Limited, Millennia Limited u Mizzi Group Limited, kienu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni konsegwenza tal-agir tas-socjetà konvenuta appellanti, mhux l-istess jinghad fil-kaz tat-talbiet tal-atturi General Sports Enterprises Limited, u Kunsill Lokali Tarxien, li fil-kaz taghhom talbu li s-socjetà konvenuta appellanti tigi kkundannata tibdel it-*turf* in kwistjoni peress li dan ma kellux il-kwalitajiet riklamati mis-socjetà Italgreen SPA.

Issa s-sentenza appellata ghalkemm gustament irriteniet li agir tas-socjetà konvenuta kkaguna danni lis-socjetajiet rikorrenti, u llikwidat id-danni kif inghad qabel, ma dahlitx fil-mertu tat-talbiet attrici li jigi sostitwit it-*turf,* tant li l-istess Qorti qalet li tqis li t-talbiet l-ohra rimanenti sollevati mis-socjetajiet rikorrenti jirrizultaw superati u astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghhom. Isegwi li l-appell incidentali kif inkwadrat mis-socjetà General Sports Enterprises Limited, ma jistax jintlaqa' peress li dan l-appell incidentali ma jattakkax dik il-parti tas-sentenza ta' astensjoni li taffettwa lilha. Ladarba hadd mill-appellati ma ttanta jattakka s-sitt kap tas-sentenza, din l-astensjoni tal-ewwel Qorti llum il-gurnata tifforma gudikat fil-konfront tal-partijiet. Jinghad ukoll li t-tentativ ta' General Sports Enterprises Limited, li tbiddel it-talbiet taghha billi minflok talba ghas-sostituzzjoni tal-materjal, taghmilhom dawk ta' hlas ta' danni rapprezentanti l-prezz tat-*turf* mixtri minnha, ma jistax jirnexxi. Din il-bidla fit-talbiet attrici ma tistax issir peress li l-Qrati huma marbuta bit-talbiet kif impostati mill-atturi rispettivi fir-rikors promotur. Konsegwentement ma tistax tilqa' l-aggravju tas-socjetà General Sports Enterprises Limited, inkwantu ma jattakkax dik il-parti tas-sentenza li tikkoncerna lilha, kif ukoll peress li primarjament tezorbita mit-talbiet attrici originali taghha.

Isegwi li l-appell incidentali ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell principali interpost mis-socjeta konvenuta appellanti, billi:

(i) tilqa' l-istess limitatament ghal dak li ghandha x'taqsam il-likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni;

(ii) tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha fejn illikwidat id-danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti fuq indikati fl-ammont komplessiv ta' tmienja u erbghin elf, hames mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€48,586.55) u kkundannat lis-socjeta` intimata Italgreen SPA biex thallas lis-socjetajiet rikorrenti in solidum l-ammont hekk likwidat;

(iii) minflok tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni favur is-socjetajiet rikorrenti fis-somma ta' hamsa u tletin elf Euro (€35,000), u

(iv) tikkundanna lis-socjetà konvenuta Italgreen SPA thallas lis-socjetajiet rikorrenti l-imsemmija somma ta' hamsa u tletin elf Euro (€35,000);

Tichad l-appell incidentali interpost mis-socjetà General Sports Enterprises Limited.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu, kwantu ghal disa' partijiet minn ghaxra mill-istess socjetà konvenuta appellanti u parti minn ghaxra bejn is-socjetajiet attrici appellati *in solidum* bejniethom, salv li l-ispejjez tal-appell incidentali jibqghu a karigu tas-socjetà General Sports Enterprises Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb